PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10698 – MITSUI / INDOMOBIL / PTL / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 217/05)

1. Fl-20 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mitsui & Co., Ltd ("Mitsui", il-Ġappun),

— PTS Investments LLC ("investimenti ta' PTS", l-Istati Uniti tal-Amerka), sussidjarja li hija proprjetà kollha kemm hi ta' Penske Truck Leasing Co., L.P ("PTL", l-Istati Uniti tal-Amerka) li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Penske Corporation ("Penske", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— PT CSM Corporatama ("Indorent", l-Indoneżja), li tappartjeni għal PT Indomobil Sukses Internasional, Tbk ("Indomobil", l-Indoneżja), u,

— JV (l-Indoneżja).

Mitsui, PTS Investments u Indorent jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-impriża bi sħab (joint venture, JV).

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati u l-impriża bi sħab li għadha kif ġiet stabbilita huma dawn li ġejjin:

— Mitsui: kumpanija tal-kummerċ, tal-ġestjoni tan-negozju u tal-iżvilupp tal-proġetti, attiva f'diversi setturi, inklużi: (i) il-prodotti tal-ħadid u tal-azzar; (ii) ir-riżorsi minerali u tal-metall; (iii) proġetti ta' infrastruttura; (iv) il-mobilità; (v) il-kimiki bażiċi; (vi) is-sustanzi kimiċi ta' prestazzjoni; (vii) l-enerġija; (viii) riżorsi tal-ikel; (ix) is-servizzi għall-konsumatur; u (x) l-iżvilupp korporattiv / tal-IT u tal-komunikazzjoni,

— PTS Investments: sussidjarja proprjetà kollha kemm hi ta' PTL, li hija fornitur ta' servizzi ta' trasport u ta' katina ta' provvista,

— Indorent: sussidjarja proprjetà kollha kemm hi ta' Indomobil, manifattur tal-karozzi u tal-muturi. Indorent Itipprovdi servizzi ta' trasport u servizzi ta' kiri ta' vetturi għal klijenti korporattivi,

— JV: impriża bi sħab f'żona ġdida li se tiġi stabbilita u topera fin-negozju ta' kiri ta' vetturi kummerċjali fl-Indoneżja.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10698 – MITSUI / INDOMOBIL / PENSKE / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.